

Anness I

**Konklużjonijiet xjentifiċi u raġunijiet għall-varjazzjoni għat-termini tal-Awtorizzazzjoni(jiet)
għat-Tqegħid fis-Suq**

Konklużjonijiet xjentifiċi

Meta jiġi kkunsidrat ir-Rapport ta' Valutazzjoni tal-PRAC dwar il-PSUR(s) għalparacetamol/tramadol, il-konklużjonijiet xjentifiċi huma kif ġej:

Abbażi ta' rapporti ta' każijiet ta' wara t-tqegħid fis-suq disponibbli u data tal-letteratura medika dwar ir-riskju ta' dipendenza fuq il-mediċina/abbuż ta' mediċina, u b'konsiderazzjoni għat-twissijiet prevalenti dwar it-tagħrif fuq il-prodott oħra dwar prodotti li jkun fihom l-opjojdi (b'mod notevoli tramadol, wieħed mill-komposti ta' din il-kombinazzjoni) aġġornament ta' sezzjonijiet 4.2, 4.4 u 4.8 tas-SKP huwa ġustifikat biex jenfasizza aktar it-tikkettar fuq ir-riskju dwar dipendenza tal-mediċina/abbuż ta' mediċina billi jiġu magħduda konsegwenzi negattivi ta' disturb dwar l-użu ta' opjojd u fatturi ta' riskju identifikati b'konformità mat-testi diġà implimentati għal opjojdi oħrajn.

B'konsiderazzjoni tal-letteratura medika disponibbli data dwar l-interazzjoni bejn opjojdi u gabapentinoids (gabapentin u pregabalin), u b'konsiderazzjoni tat-twissijiet prevalenti fuq tagħrif dwar il-prodott ta' prodotti li fihom l-opjojdi t'oħrajn, aġġornament ta' sezzjoni 4.5 tas-SKP huwa ġustifikat biex jirrifletti interazzjonijiet ma' gabapentinoids.

Wara li ġiet riveduta r-rakkomandazzjoni tal-PRAC, is-CMDh jaqbel mal-konklużjonijiet globali tal-PRAC u r-raġunijiet għar-rakkomandazzjoni.

Raġunijiet għall-varjazzjoni għat-termini tal-awtorizzazzjoni(jiet) għat-tqegħid fis-suq

Abbażi tal-konklużjonijiet xjentifiċi għal paracetamol/tramadol, is-CMDh huwa tal-fehma li l-bilanċ bejn il-benefiċċju u r-riskju tal-prodott(i) mediċinali li fih/fihom paracetamol/tramadol, mhuwiex mibdul suġġett għall-bidliet proposti għall-informazzjoni tal-prodott.

Is-CMDh jirrakkomanda li t-termini tal-awtorizzazzjoni(jiet) għat-tqegħid fis-suq għandhom jiġu varjati.

Anness II

Emendi għall-informazzjoni dwar il-prodott tal-prodott(i) mediċinali awtorizzat(i) fuq livell nazzjonali

Emendi li għandhom ikunu inklużi fis-sezzjonijiet rilevanti ta' Tagħrif dwar il-Prodott (test ġdid sottolinjat u b'tipa grassa, test imħassar huwa ~~ingassat~~)

- 1) Aġġornamenti biex jissaħħu t-twissijiet dwar ir-riskju ta' dipendenza fuq id-droga/abbuż tad-droga;

Sommarju tal-Karatteristiċi tal-Prodott

- Sezzjoni 4.2

Metodu ta' kif għandu jingħata

...

Għanijiet ta' trattament u waqfien

Qabel jinbada t-trattament bi [isem il-prodott], strateġija ta' trattament li tinkludi għal kemm żmien jingħata t-trattament u l-għanijiet tat-trattament, u pjan għal tmiem it-trattament, għandu jiġi miftiehem flimkien mal-pazjent b'konformità mal-linji gwida dwar il-ġestjoni tal-uġiġħ. Waqt it-trattament għandu jkun hemm kuntatt frekwenti bejn it-tabib u l-pazjent biex jiġi valutat l-ħtieġa ta' trattament kontinwu, konsiderazzjoni dwar il-waqfien u aġġustament dwar id-dożaġġi jekk meħtieġ. Meta pazjent ma jkunx jeħtieġ aktar terapija bi tramadol, jista' jkun rakkomandabbli li d-doża tittnaqqas b'mod gradwali sabiex jiġu evitati sintomi ta' tiżmim. Fin-nuqqas ta' kontroll xieraq tal-uġiġħ, il-possibilità ta' iperalġesja, toleranza u l-firxa ta' mard fl-isfond għandu jiġi kkonsidrat (ara sezzjoni 4.4).

- Sezzjoni 4.4

Twissija għandha tiġi emendata kif ġej (testi attwali fuq it-twissija ta' tħassib għandhom jiġu mibdula bil-paragrafu li ġej kif jixraq):

Toleranza u disturb tal-użu ta' opjojdi (abbuż u dipendenza)

Toleranza, dipendenza fiżika u psikoloġika, u disturb tal-użu ta' opjojdi (OUD, opioid use disorder) jistgħu jiżviluppaw b'għoti ripetut ta' opjojdi bħal [isem il-prodott]. Użu ripetut ta' [isem il-prodott] jista' jwassal għal OUD. Doża ogħla u tul ta' żmien itwal ta' trattament ta' opjojdi jista' jżid ir-riskju li wieħed jiżviluppa OUD. L-abbuż jew l-użu ħażin intenzjonali ta' [isem il-prodott] jista' jirriżulta f'doża eċċessiva u/jew mewt. Ir-riskju li OUD jiżviluppa jżied f'pazjenti bi storja personali jew familjari (ġenituri jew aħwa) ta' disturbi bl-użu ta' sustanzi (li jinkludu id-disturb tal-użu tal-alkoħol), f'utenti attwali li jużaw it-tabakk jew f'pazjenti bi storja personali ta' disturbi tas-saħħa mentali oħra (pe. dipressjoni maġġura, ansjetà u disturb tal-personalità).

Qabel jinbada t-trattament b'[isem il-prodott] u waqt it-trattament, l-għanijiet tat-trattament u l-pjan ta' waqfien għandhom jiġu miftehema mal-pazjent (ara sezzjoni 4.2). Qabel u waqt it-trattament il-pazjent għandu jiġi informat dwar ir-riskji u s-sinjali ta' OUD. Jekk dawn is-sinjali jseħħu, pazjenti għandhom jingħataw parir jikkuntattjaw lit-tabib tagħhom.

Pazjenti ser ikollhom bżonn monitoraġġ għal sinjali ta' mġieba ta' kilba għal mediċina (pe. talbiet bikrija għal mili mill-ġdid). Dan jinkludi reviżjoni ta' opjojdi li qed jittieħdu fl-istess waqt u mediċini psikoattivi (bħal benzodiazepines). Għal pazjenti b'sinjali u sintomi ta' OUD, konsultazzjoni mal-ispeċjalista tal-vizzju għandu jiġi kkonsidrat.

- Sezzjoni 4.8

Il-paragrafu li ġej għandu jidded taħt it-tabella jew id-deskrizzjoni li tiġbor fil-qosor l-effetti sekondarji kif ġej:

Dipendenza fuq il-mediċina

Użu ripetut ta' [isem il-prodott] jista' jwassal għal dipendenza fuq il-mediċina, anke f'dożi terapewtiċi. Ir-riskju ta' dipendenza fuq il-mediċina jista' jvarja skont l-fatturi ta' riskju individwali tal-pazjent u t-tul tat-trattament tal-opjojdi (ara sezzjoni 4.4).

Fuljett ta' Tagħrif

- Sezzjoni 2

It-test attwali fuq it-twissija ta' tħassib għandu jiġi mibdul bit-test enfasizzat bil-grass li ġej u sottolineat kif jixraq.

Twissijiet u prekawzjonijiet

Toleranza, dipendenza u vizzju

Din il-mediċina fiha tramadol li hija mediċina b'opjojdi. L-użu ripetut ta' opjojdi jista' jirriżulta li l-mediċina tkun inqas effettiva (tidraha, issir toleranti). L-użu ripetut ta' [isem il-prodott] jista' jwassal għal dipendenza, abbuż u vizzju, li jista' jwassal għal doża eċċessiva li tista' tkun ta' periklu għal ħajja. Ir-riskju ta' dawn l-effetti sekondarji jista' jidded b'doża ogħla u użu għal tul ta' żmien itwal.

Id-dipendenza u l-vizzju jista' jgħeghlek tħossok li m'għadekx iżjed fil-kontroll ta' kemm il-mediċina teħtieġ tieħu jew kemm ta' spiss teħtieġ li teħodha.

Ir-riskju li ssir dipendenti jew ivvizzjat iwarja minn persuna għal oħra. Jista' jkollok riskju akbar li ssir dipendenti fuq jew ivvizzjat għal [isem il-prodott] jekk:

- **Inti jew xi ħadd fil-familja tiegħek qatt abbużajtu jew kontu dipendenti fuq alkoħol, mediċini li jingħataw bir-riċetta jew drogi illegali ("vizzju").**
- **Inti tpejjep.**
- **Inti kellek problemi bil-burdata tiegħek (dipressjoni, ansjetà, jew disturb tal-personalità) jew ġejt trattat minn psikjatra għal mard mentali ieħor.**

Jekk tinduna b'xi sinjali li ġejjin waqt li qed tieħu [isem il-prodott], jista' jkun sinjal li inti sirt dipendenti jew ivvizzjat:

- **Inti tkun meħtieġ tieħu l-mediċina għal aktar minn dak rakkomandat mit-tabib tiegħek**
- **Inti meħtieġ tieħu aktar mid-doża rakkomandata**
- **Inti qed tuża din il-mediċina għal raġunijiet li mhumiex dawk tar-riċetta, pereżempju, 'biex iżżomm kalm' jew 'tgħinek torqod'**
- **Inti għamilt tentattivi ripetuti, mingħajr suċċess biex twaqqaf jew tikkontrolla l-użu ta' din il-mediċina**
- **Meta tiegaf tieħu din il-mediċina ma tħossokx f'sikte, u tħossok aħjar meta terġa' tieħu l-mediċina għal darba' oħra ('effetti ta' tiżmim')**

Jekk tinduna b'xi sinjali bħal dawn, kellem lit-tabib tiegħek biex tiddiskuti l-aħjar mod kif tipproċedi, li jinkludi, meta jkun xieraq li tiegaf u kif għandek tiegaf b'mod sigur (ara sezzjoni 3, jekk tiegaf tieħu [isem il-prodott]).

- Sezzjoni 3.

<Dejjem għandek <tiehu> <tuża> din il-mediċina skont il-parir eżatt tat-tabib <jew l-ispizjar> tiegħek. Aċċerta ruħek mat-<tabib> <jew> <mal-ispizjar> tiegħek jekk ikollok xi dubju.>

Qabel tibda it-trattament u b'mod regolari waqt it-trattament, it-tabib tiegħek ser jiddiskuti miegħek x'għandek tistenna meta tuża [isem il-prodott], meta u għal kemm żmien għandek tieħdu, meta għandek tikkuntattja lit-tabib tiegħek, u meta jkun meħtieġ li twaqqfu (ara wkoll sezzjoni 2).

- Sezzjoni 5.

Biex jiġi miżjud taħt is-sentenza “Żomm din il-mediċina fejn ma tidhirx u ma tintlaħaqx mit-tfal.”:

Żomm din il-mediċina f'post sikur, fejn persuni oħrajn ma jistgħux jaċċessawh. Jista' jikkaġuna ġrieħi serji u jista' jkun fatali għal persuni meta ma jkunx ordnat b'riċetta lilhom.

2) Aġġornament biex jiġu miżjuda l-interazzjonijiet b'gabapentinoids;

Sommarju tal-Karatteristiċi tal-Prodott

- Sezzjoni 4.5

Interazzjoni għandha tiġi miżjuda kif ġej. Jekk testi identiċi diġà huma inklużi fis-SKP sezzjoni 4.5 bħal “l-użu fl-istess waqt ta' <prodott> b'[...], jista' jirriżulta f'dipressjoni respiratorja, pressjoni baxxa, sedazzjoni profonda, koma jew mewt., it-test propost ġdid (i.e. “gabapentinoids (gabapentin u pregabalin)”) jistgħu jiġu magħduda mas-sentenza attwali. Jekk testi identiċi, bħal fis-sentenza ta' qabel, mhux diġà huma inklużi fis-SKP sezzjoni 4.5, is-sentenza proposta tista' tiġi miżjuda direttament wara it-testi attwali fuq interazzjoni ma' mediċini oħrajn li jaġixxu b'mod ċentrali li jistgħu jħarrxu l-effetti tas-SNC (pe. direttament wara “F'użu fl-istess waqt ta' <prodott> u mediċini oħra li jaġixxu b'mod ċentrali, li jinkludu alkoħol, tħarrix ta' effetti tas-SNC għandhom jittieħdu inkonsiderazzjoni (ara sezzjoni 4.8).”).

L-użu fl-istess waqt ta' <prodott> ma' dipressanti tas-sistema nervuża ċentrali oħrajn [...], u gabapentinoids (gabapentin u pregabalin) jista' jirriżulta f'dipressjoni respiratorja, pressjoni baxxa, sedazzjoni profonda, koma jew mewt.

Fuljett ta' Tagħrif

- Sezzjoni 2.

Sabiex jiġi miżjud ma' lista eżistenti fit-taqsima ‘Mediċini oħra u <isem il-prodott>’ (pe. bis-sottotitlu “Għid lit-tabib jew lill-ispiżjar tiegħek jekk qiegħed tieħu, ħadt dan l-aħħar jew tista' tieħu xi mediċina oħra” (jew simili) jew “ir-riskju ta' effetti sekondarji jiżdied jekk qed tieħu” (jew simili).)

Mediċini oħra u [isem il-prodott]

Għid lit-tabib jew lill-ispiżjar tiegħek jekk qiegħed tieħu, ħadt dan l-aħħar jew tista' tieħu xi mediċina oħra

- Gabapentin jew pregabalin biex tittratta l-epilessija jew l-uġiġħ dovut għal problemi ta' nervituri (uġiġħ newropatiku)

Anness III

Skeda ta' żmien għall-implimentazzjoni ta' din il-pożizzjoni

Skeda ta' żmien għall-implimentazzjoni ta' din il-pożizzjoni

Adozzjoni tal-pożizzjoni tas-CMDh:	Laqgħa tas-CNDh f' Marzu
Trażmissjoni lil Awtoritajiet Nazzjonali Kompetenti tat-traduzzjonijiet tal-annessi għall-pożizzjoni:	5 ta' Mejju 2024
Implimentazzjoni tal-pożizzjoni mill-Istati Membri (sottomissjoni tal-varjazzjoni mid-Detentur tal-Awtorizzazzjoni għat-Tqegħid fis-Suq):	4 ta' Lulju 2024